MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 152/2013

**Emanuel Lorenzo Peresso K.I. 616452(M)**

**vs.**

**Francois Cumbo K.I. 393280(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ elf mitejn u disgħa u sittin Ewro (€1269) rappreżentanti prezz imħallas żejjed lill-intimat mill-attur, oltre l-prezz pattwit għal xogħlijiet li għamel l-intimat fid-dar tal-attur ġewwa Marsascala. Kien minħabba pressjoni żejda u qerq da parti tal-intimat li l-attur spiċċa ħallas l-ammont imsemmi indebitament.

Illi l-attur interpella lill-intimat għar-rifużjoni anke permezz ta’ ittra legali tas-16 ta’ Ottubru 2012 u kif ukoll ittra

uffiċjali tat-28 ta' Novembru 2012, iżda l-intimat baqa' inadempjenti u dana minkejja li wara l-ittra uffiċjali kien għamel proposti ta' ripagament tramite l-konsulent legali tiegħu.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat deher quddiem it-Tribunal fis-seduta tad-29 t'April 2013, fejn ta ruħu b'notifika bl-Avviż tas-Seduta kif korrett u talab żmien sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu. It-tribunal laqa' t-talba u kkonċeda għoxrin jum għall-preżentata tar-risposta tal-konvenut.

Ra illi sussegwentement il-partijiet kienu qegħdin jesploraw possibilta` ta' tranżazzjoni u għaldaqtsant ftiehmu li l-konvenut ma jippreżentax ir-risposta tiegħu f'dak l-istadju.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-sorte bi tliet mitt Ewro (€300), ippreżentata mill-attur fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2013, illi permezz tagħha t-talba ġiet ridotta għas-somma ta' disa' mija u disgħa u sittin Ewro (€969), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-sorte bi tliet mitt Ewro (€300), ippreżentata mill-attur fl-udjenza tas-16 ta' Settembru 2013, illi permezz tagħha t-talba ġiet ridotta għas-somma ta' sitt mija u disgħa u sittin Ewro (€669), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali;

Ra illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2013, it-Tribunal ikkonċeda lill-konvenut tmintax-il ġurnata sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu, iżda huwa naqas milli jagħmel dan.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill- konvenut iħallas lill-

attur is-somma sitt mija u disgħa u sittin Ewro (€669) bl-imgħax legali dekorribbli mit-28 ta’ Novembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 2818/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ċitata u dawk tal-mandat ta’ sekwestru ppreżentat kontestwalment,  huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------